# IMPJEGATI TA' HERITAGE MALTA JTEMMU B'SUĊĊESS KORS DWAR ĦILIET FIT-TMEXXIJA

**Stqarrija | 25 ta' Marzu 2025**

Ħdax-il impjegat ta' Heritage Malta li jokkupaw karigi maniġerjali fi ħdan l-aġenzija ngħataw ċertifikati wara li temmew b'suċċess kors fl-MCAST dwar ħiliet fit-tmexxija.

Il-kors, li sar bejn Jannar u Settembru tal-2024, kien jittratta suġġetti bħall-immaniġġar tan-negozju, il-komunikazzjoni effettiva fuq il-post tax-xogħol, l-intelliġenza emozzjonali u l-kontroll, it-tmexxija tan-nies, is-soluzzjoni tal-kunflitti, it-tqassim tajjeb tal-ħin, it-tmexxija tal-proġetti, u strateġiji biex jittieħdu l-aħjar deċiżjonijiet.

Il-ħdax-il impjegat bħalissa huma Kapijiet, Senior Managers, Managers, Assistant Managers, u Kuraturi Anzjani fl-oqsma rispettivi tagħhom. Wara li segwew dan il-kors, huma jinsabu f'qagħda aħjar biex japplikaw stili ta' tmexxija li jgħinu lill-aġenzija tilħaq il-miri tagħha, jimplimentaw kunċetti ta' maniġġar ta' proġetti f'oqsma differenti ta' ħidma, u jieħdu deċiżjonijiet loġiċi u infurmati dwar materji marbutin max-xogħol.

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, qal li l-aġenzija tinvesti bil-kbir fit-teknoloġija, f'akkwisti ġodda għall-kollezzjoni nazzjonali u fi proġetti estensivi ta' restawr, iżda l-akbar investiment tagħha hu fil-ħaddiema, kif tixhed din l-opportunità ta' tagħlim. Żied jgħid li opportunitajiet bħal dawn jgħinu lill-impjegati jilħqu l-potenzjal sħiħ personali u professjonali tagħhom, iwasslu għal sodisfazzjon akbar fuq il-post tax-xogħol, u jassistu lill-aġenzija stess biex tkompli tilħaq l-għanijiet tagħha b'suċċess.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta